MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Numru 1454/2010

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Sean Grima

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 497884(M), akkuzat talli:
1. fis-17 ta' Dicembru 2010 waqt li kien fir-residenza 'White Waters', Flat 4, Triq San Xmun, Fgura, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra cioe' ikkaguna ferita ta' natura gravi li kkagunat debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh ta'

Alicia Spiteri mill-Fgura skond ma ccertifika it-tabib Dr Kenneth Muscat Reg.No 3044 tal-Isptar Mater Dei;
2. fl-istess cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra cioe' ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alicia Spiteri mill-Fgura skond ma ccertifika it-tabib Dr Jonathan Callejja Reg, 3295 mill-Isptar Mater Dei.
3. fil-25 ta' Dicembru 2010 ghal habta tal-5.00p.m. u diversi xhur qabel din id-data fil-fond 'White Waters, Flat 4, Triq San Tumas, Fgura, u f'dawn il-gzejjer ikkaguna biza lil Alicia Spiteri mill-Fgura li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;
4. fil-25 ta' Dicembru 2010 ghal habta tal-5.00p.m. u hinijiet qabel fil-fond 'White Waters, Flat 4, Triq San Tumas, Fgura, bla ordni skond il-ligi ta' l-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Alicia Spiteri mill-Fgura kontra l-volonta' taghha;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-fomm lill-istess Alicia Spiteri b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr jew zamm strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat qabad arma (sikkina) kontra Alicia Spiteri mill-Fgura;
8. fil-25 ta' Dicembru 2010 u xhur qabel fil-fond "White Waters", Flat 4, Triq San Xmun, Fgura, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha - bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. fl-istess cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra

awtorizzat li jimmanufattura jew iforni d-droga imsemmija u ma kienx, b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. irrenda ruhhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Alicia Spiteri mill-Fgura billi:
- tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

kontra l-imputat.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-imputat mahrug mill-Avukat Generali permezz ta' liema baghat l-atti tal-proceduri quddiem il-Qorti sabiex ai termini tal-artikoli tal-ligi minnu hemm citati tiggudika lill-imputat dwar il-htija jew nuqqas taghha tal-imputat;

Rat l-ordni u l-kontr'ordni tal-Avukat Generali fir-rigward l-imputazzjonijiet taht l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi;

Semghet l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-provi jirrelataw dwar zewg incidenti, wiehed tad-19 ta' Dicembru u l-iehor tal-25 ta' Dicembru tal-2010, fiz-zewg istanzi. Dak iz-zmien, cioe' sa ftit qabel ma nqalghu l-incidenti, meritu dina l-kawza, l-imputat u l-kwerelanta kienu joqghodu flimkien fl-appartament numru 4 gewwa "White Waters", Triq San Xmun, Fgura. Fir-rigward l-incident tad-19 ta' Dicembru l-provi huma tali li jinkolpaw l-imputat li issekwestra l-kwerelanta gewwa l-istess appartament kontra l-volonta' taghha u wkoll li ikkagunalha feriti klassifikabbli bhala gravi meta refa' idejh fuqha u fost offizi minuri ohra taqbillha t-tambur ta' widnejha; dwar l-incident tal-25 ta' Dicembru tal-istess sena jirrizulta s-sekwestru skond dik l-akkuza. F'dan il-kuntest dwar dan l-incident jirrizulta wkoll li l-kwerelanta giet mhedda b'mus li f'xi hin irnexxilha tiehdu minn idejn l-imputat u ttieh daqqa bih tant li wkoll ikkawzatlu ferita gravi fuq spalltu. Dwar dan ta' l-ahhar din il-Qorti mhux imsejjha biex tiddetermina jekk il-kwerelanta dan ghamlitu volontarjament jew b'legittima difesa billi mhiex il-kwerelanta li qeghda tigi gudikata.

Li tafferma l-Qorti fil-konfront ta' dawn l-incidenti hu li l-kwerrelanta tat il-versjoni taghha 'viva voce' quddiemha, a differenza tal-imputat, u taraha u tqisha veritiera ghall-ahhar. Fuq kollox hi sostanzjata ghal ta' l-anqas cirkostanzjalment, minn xhieda ohra.

Intant, ai termini tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali l-imputat hu mixli:

- li kkaguna ferita gravi li tista' ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem; jew iggib mankament jew sfeggju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz; jew iggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu; jew li jekk il-persuna offiza tfieq minghajr ma kienet qatt matul il-marda f'perikolu attwali tal-hajja jew tal-konsegwenzi imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 216, jitqies li l-offiza setghet iggib dak il-perikolu fil-kaz biss illi dan il-perikolu kien probabbli

minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza; wkoll li (fost ohrajn) maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, b'cirkostanzi aggravanti imsejsa fuq li saru fuq martu jew persuna ohra li jkollha jew li kellha tarbija komuni mal-hati, jew fuq persuna li tkun qeghdha tghix mal-hati matul perjodu ta' sena qabel ir-reat jew li tkun jew kienet gharusa bil-hsieb li tizzewweg;

- li ghamel biza' f'terzi li ser tintuza vjolenza kontrihom jew il-proprjeta' taghhom;
- li arresta, zamm jew issekkwestra persuna kontra l-ligi bic-cirkostanza aggravanti li l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt; aggravat ukoll meta l-vittma tkun martu jew tkun qeghdha tghix mal-hati matul perjodu ta' sena jew li tkun jew kienet gharusa bil-hsieb li tizzewweg;
- li hedded bil-mezz ta' kitba jew ta' theddid bil-fomm li imponiet ordni jew kundizzjoni;
- fl-ahhar b'offizi kontravenzjonali ta' theddid b'gebel, hwejjeg iebsin jew armi; wkoll ta' ingurji jew theddid;
- li huwa recidiv.

Apparti minn dan l-imputat jinsab akkuzat ta' pussess tad-droga cannabis u kokajina ta' l-ahhar li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu – dan skond l-ordni mahruga mill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 101.

Issa, l-Qorti hija pjenament sodisfatta mill-provi li semmghet u li skrutinat li z-zewg incidenti sehhew principalment kif stqarret il-kwerelanta fix-xhieda taghha. F'dak tas-17 ta' Dicembru 2010 li l-imputat irrenda ruhhu hati li ssekwestra u uza vjolenza kontra l-kwerelanta li fuq skorta tax-xhieda tat-tabib, meta immedikaha fl-Sptar Mater Dei, giet kklassifikata bhala gravi per durata minhabba d-daqqa fuq widnejha (fol. 202), b'daqstant li ghanda mill-gravi u f'kull kaz, minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza li kienet taffetwa wahda mill-kavitajiet tal-gisem, appuntu widnejha. L-offiza tas-sekwestru tirrizulta wkoll fl-incident tal-25 ta' Dicembru tal-istess sena. F'dak tas-sbatax l-offiza hi aggravata imqarr fuq il-fatt tal-griehi li soffriet il-kwerelanta minghand l-imputat kif fuq jintqal.

Illi ghandha tirrizulta wkoll kontra l-imputat l-imputazzjoni li minhabba l-imgieba tieghu ikkaguna biza lil haddiehor li se tintuza vjolenza kontrih jew proprjeta' tieghu jew terzi jigu minnha.

Tirrizulta l-imputazzjoni tal-pussess semplici tad-droga cannabis u kokajina fir-rigward tal-ahhar esklusa li ma kinitx ghal uzu personali tieghu.

Mill-bqija l-offizi kontravenzjonali jirrizultaw. Tirrizulta wkoll ir-recidiva.

Ghaldaqstant issib l-imputat hati.

Rat l-Artikolu 214, 215, 216(1)(c)(d)(2), 222(1)(a), 202(h), 251B, 86, 87(1)(c), 249(2), 339(1)(b)(e), 49, 50, 31, 17 tal-Kap 9. L-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101.

Tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija li minnhom jitnaqqsu dak li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u mitt Ewro multa.

Tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat ai termini tal-Artikolu 412C bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-kwerelanta u ghall-protezzjoni taghha u ascendenti u discendenti taghha minn fastidju jew imgieba ohra tal-imputat li tikkagunalhom biza' ta' vjolenza. Din l-ordni ghandha tibqa' fis-sehh ghall-perjodu ta' sitt xhur minn meta l-imputat ikun skonta il-perjodu ta' prigunerija salv ghal dak li jipprovdi s-subincis (6) tac-citat artikolu.

Tordna li jithallsu l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta mill-imputat.

Tordna l-konfiska tas-sustanza illegali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------